MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 301/2001/1

**Edward Camilleri**

**Vs**

**Morgan Manicolo**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l–attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' elf lira maltin (Lm1000) dan minnu subiti in segwitu ghal incident stradali li sehh f'25 ta' Mejju 2000 bejn car nru EDW 555 u vettura misjuqa minnu liema incident gara f'San Gwann – prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprisi Lm23 ta' konsulti u ittri u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt

ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes ukoll tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra tieghu, billi l-attur ga jinsab pjenament imhallas tad-danni kollha minnu sofferti fl-incident imsemmi fl-avviz kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Ili fi kwalunkwe kas il-konvenut ma ghandux ibaghti spejjes billi din il-kawza giet istitwita kapriccosament mill-attur minhabba l-esigenzi esagerati tieghu ghaliex is-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, minghajr pregudizju u bi spirtu li din il-vertenza tigi risolta amikevolment, offriet bazi sod ta' ftehim, izda l-attur kif intqal kapriccosament qabad u ippresneta l-avviz.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-aviz u l-eccezzjonjiet in esami, ghandhom jsiru s-segwenti konsiderazzjonijiet preliminari:-

1. Hu minnu li, fl-istess avviz, qed jintalab illi l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabli ghall-incident in esami. Pero' mill-provi prodotti, jidher evidenti li tali responsabilta' ma hiex qed tigi kontestata mill-konvenut.
2. Difatti mill-istess atti jidher li l-konvenut qed jikkontesta, biss, dak li hu pretiz mill-attur bhala <u>telf ta' qliegh ('lucum cessans')</u>

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, meta xehed (fol 15 u fol 46 tal-istess atti) spjega, li fil-gurnata tal-incident stradali msemmi fl-avviz, kien, ghall-habta tal-8/9 ta' filghodu, qed jsuq f'Triq taz-

Zwejt, fil-Qasam Industrjali ta’ San Gwann sejjer lejn l-Universita ta’ Malta fl-Imsida sabiex hawnhekk jaghmel ezami in konnessjoni mal-kors li kien qed jattendi ossija B.Sc fit-Teknologija tal-Informatika aventi bhala suggett ‘Further Programming Paschal’. Hawnhekk, karozza misjuqa mill-konvenut ‘… harget minn bejn il-fabriki….. mill-lemin tieghu u baqghet gejja fuqi”. Bhala konsegwenza ta’ dan, oltre li l-karozza tieghu giet resa ‘total loss’ (ara r-ritratti a fol 19 ibid), hu ma setax jattendi ghall-imsemmi ezami li kellu jibda fid-9.00a.m. minhabba li kellu jibqa’ fuq il-post tal-incident ghal certu hin sakemm jigu l-Pulizija fuq il-post u sakemm setghet tigi rmunkata l-karrozza tieghu. In rigward l-akkadut, hu kien ghamel ‘claim’ mal-assikurazzjoni tieghu li maghha kien assikurat ‘fully comprehensive’ u kien gie rizarcit il-valur kollu attwali tal-istess karozza tieghu ‘barra xi haga zghira’. Difatti hu ma kienx gie risarcit il-valur ta’ ‘stereo’ u accessorji konnessi ma dan kif ukoll dak ta’ ‘alarm’ installat fl-istess vettura (ara z-zewg ircevuti in fotokopja a fol 20 ibid kif ukoll ix-xhieda, tal-Avukat Dottor Edward Gatt).

Dwar l-esami msemmi, l-attur semma’ li kienet ittiehdet id-decisjoni mill-awtoritajiet Universetarji li hu seta’ jaghmel l-istess esami matul ix-xahar ta’ Settembru, kif filfatt, gara (ara d-dokument a fol 21 ibid u x-xhieda ta’ May Lawrence a fol 29 ibid). L-attur kompla billi qal, illi qabel ma kellu jattendi ghall-imsemmi esami f’Gunju, hu kien ftiehem ma kumpanija kummercjali sabiex din timpjegah, ghal matul it-tlett xhur tas-sajf, bhala ‘apprentice service technician’ bil-paga ta’ Lm300 fix-xahar (ara d-dokument a fol 23 tal-atti). Pero (u dwar dan ghandha ssir riferenza ghad-dokument a fol 22 tal-istess atti) jidher li l-istess attur tilef dan l-impjieg minhabba li matul l-istess sajf, hu kellu jistudja u jipprattika ghall-esami li kellu jsir f’Settembru, kif di gja inghad (ara, ukoll ix-xhieda ta’ Adrian Sciberras a fol 33 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, bhala provi, ipproduca il-korrispondenza skambjata bejn is-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, l-attur u l-Avukat ta’ dan (fol 50 sa fol 60 ibid). Min din il-

korrispondenza jidher li l-konvenut ossija s-socjeta assikuratrici tieghu ma kienitx ser tikkontesta r-risarciment ta' danni vis-à-vis l-oggetti specifikati fl-ittra a fol 51 u fol 52 ibid. Pero ma kienetx disposta li thallas lill-attur risarciment in konnessjoni ma telf ta' qliegh oltre l-ammont gobali ta' Lm500, li kien jinkludi,ukoll, dak in rigward l-imsemmija oggetti. Konsegwentement ma kienx intlahaq ftehim finali u bonarju dwar it-telf ta' qliegh.

Ikkunsidrat

Illi dwar dak pretiz mill-attur bhala telf ta' qliegh ammontanti ghal Lm900, jidher li mill-provi kif esposti, hemm kollegament dirett bejn l-incident stradali in esami, ir-responsabilta legali tal-konvenut ghall-istess incident, li, kif di gja inghad, ma gietx kontestata b'xi prova u t-telf li garrab l-attur bhala 'lucum cessans'. Dwar dan il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li l-attur, b'mod gustifikat ma setax jattendi ghall-esami msemmi li kellu jinzamm fil-gurnata tal-incident u, ghalhekk kien inghata l-opportunita sabiex jaghmel dan l-esami matul Settembru tal-istess sajf. Minhabba hekk u in natura tal-istess esami l-attur kellu jistudja u jippratika ghalih matul is-sajf u bhala konsegwenza tilef l-impjieg li kien attjena matul l-istess sajf. Dwar dan ma setax jigi kunsiderat minn din il-Qorti l-argument sollevat mis-socjeta assikuratrici tal-konvenut illi l-attur seta', xorta wahda u fl-istess hin, jahdem u jistudja kif hemm imsemmi fl-ittra a fol 60. Difatti tenut kont tan-natura tal-istess esami u tal-impjieg kif spjegat a fol 23 tal-atti, il-Qorti tara li l-attur ma setax jahdem kif ukoll jistudja fl-istess waqt. Illi, inoltre, il-Qorti tara li ma tistax tirriduci l-ammont mitlub bhala risarciment totali, ammontanti ghal Lm1000. Difatti l-attur seta' talab l-ammont ta' Lm1240 izda jidher li jikkontenta b'ammont anqas.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, dak kollu mitlub mill-attur fl-avviz in esami jista' jigi akkolt kemm fuq basi legali kemm a basi tal-fatti kif esposti jew risultanti mill-provi.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala responsabbli ghall-incident stradali in esami minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inossevanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta’ danni fl-ammont ta’ Lm1000 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm1000 bl-imghax legali mid-19 ta’ April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm23 ta’ konsulti u ittri oltre dawk tal-ittra ufficjali msemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------